# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 10 ta' Jannar, 2001**

**Numru : 31**
**Citaz. Numru : 2635/2000/RCP**

**Cosmoline Ltd**

**vs**

**Priceclub Operators Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi is-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici is-somma ta' (Lm5287-73) hamest elef mitejn u seba u tmenin lira, tlieta u sebghin centezmu, import ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta, u,

Illi interpellata sabiex thallas is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti, u,

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut,

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex

1. Taqta' u tiddeciedi il-kaz ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe' bid-dispensa tas-smigh;

2. Tikkundannaha sabiex thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' (LM5287-73) hamest elef mitejn u seba u tmenin lira, tlieta u sebghin centezmu, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mnadat ta' Sekwestru ippresentat kontestwalment u bl-imghaxijiet kontra is-socjeta' konvenuta li tibqa' ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan illi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta:

2. Thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hamest elef mitejn u seba u tmenin lira Maltin, tlieta u sebghin centezmu (LM5287-73), kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru ippresentat kontestwalment u bl-imghaxijiet kontra is-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**10 ta' Jannar 2001**

**Josette Demicoli**

**Deputat Registratur.**
**10 ta' Jannar 2001**